# Għalliema u skejjel, tobba u bereġ fil-Mosta tas-snin 1874 u 1875

MINN ALEXANDER BONNICI O.F.M. CONV.

*L-Edukazzjoni*

❑ Meta nsemmu edukazzjoni f'xi skola, għandna f'moħħna dik ta' livell primarju. Kienu għadhom ma jeżistux skejjel organizzati fi żmien il-Kavallieri ta' Malta. Kien hemm biss xi skejjel ċkejknin mal-Katidral ta' Malta jew bis-sehem li taw xi qassissin jew xi professjonisti f'postijiet differenti. Kemm-il darba tara wkoll li qassisin individwali kienu jitlobu lill-Isqof biex jagħtihom il-permess biex ikunu jistgħu jgħallmu. B'hekk, kienu jtaffu xi ftit il-problema ta' l-analfabetiżmu u jdaħħlu wkoll xi ħaġa żgħira li tgħinhom ftit fil-faqar li fih huma wkoll kienu qed jgħixu.

L-iskola għaddiet għall-aħjar malli beda ż-żmien tal-kolonjaliżmu Ingliż. Imma s-sehem ma kienx tal-Gvern Kolonjali biss. Dawk il-ftit f'Malta li kienu jgħoddu fost il-għonja taw is-sehem tagħhom. Is-sinjuri kienu jżidu xi ħaġa ma' dak li kien dispost joħroġ il-Gvern biex fl-ibliet u l-irħula ta' Malta tkun tista' tinfetaħ xi skola ċkejkna li ġieli ma kenitx ħlief xi kamra sempliċi.

Il-bidu kien fis-sena 1819 fil-Belt. Klassijiet għat-tagħlim bdew jiġu ffurmati fl-irħula kważi kollha ta' Malta u Għawdex. Fil-Mosta wkoll bdiet l-iskola primarja. Imma nieħdu biss sentejn li fihom kien beda jinħass il-progress. Huma s-snin 1874 u 1875.




*Irħama funerarja tat-tabib Daniel Chetcuti fir-Rotunda*

*Għas-subien u għall-bniet*

Fl-1874, skola għaż-żgħar nett (infants) ma kienx hawn ħlief il-Belt, il-Furjana u Bormla. Dwar il-primarja tas-Subien, kien hawn f'Malta b'żewġ, tliet jew erba' klassijiet. Fil-Belt biss kien hemm erba' klassijiet imma f'xi postijiet, kellhom tliet klassijiet. Fil-Mosta kien hemm żewġ klassijiet għas-subien u tnejn oħra għall-bniet. Xi rħula ma kellhomx ħlief żewġ klassijiet. Xi rħula żgħar ħafna kellhom klassi waħda biss.

Inħarsu lejn il-Mosta. L-iskola primarja tas-subien kellha 34 tifel fl-ewwel klassi u 17 fit-tieni klassi. Dik tal-bniet kellha 63 tifla fl-ewwel klassi u 20 fit-tieni klassi.[1]

Is-sumast ta' l-iskola tas-subien kien Carmelo Ellul. Kien ġie nnominat fl-1 ta' Diċembru mill-Gvernatur John Gaspard le Marchant. Kellu salarju ta' £41 fis-sena.

Is-sinjora għall-iskola primarja tal-bniet kienet Annetta Muscat, li kienet ġiet innominata mill-Gvernatur Sir Patrick Grant fl-1 ta' Ottubru 1871. Kellha salarju ta' £25 fis-sena. Nosservaw li kienet titħallas anqas mis-surmast tas-subien.[2]

Fi żmien qasir, dawn inbidlu t-tnejn. Fl-1 ta' Diċembru 1876, surmast tas-subien sar Lwiġi

Għal paġna 24

*Minn paġna 23*

Borg. Fl-1 ta' Ottubru 1877, għall-bniet saret Tereża Seichel.[3] Fl-attendenza, il-varjazzjoni minn sena għall-oħra tkun ċkejkna. Dwar l-1877, is-subien fl-iskola kienu 55 wieħed, waqt li l-bniet kienu 78 waħda. B'kollox 133.[4]

Kemm mit-tfal tal-Mosta għaddew għall-iskola sekondarja ma nafux. Nafu biss x'kiteb il-Kanonku Dun Pawl Pullicino, li kien responsabbli mill-iskejjel primarji. F'ittra tal-25 ta' Mejju 1875 lil Sir Victor Houlton (is-Segretarju Ewlieni tal-Gvern), Pullicino jikkummenta fuq l-iskejjel primarji. Hu jgħid li kemm l-iskola taż-żgħar nett (li fil-Mosta ma kienx hemm) kif ukoll l-ewwel klassi tal-primarja ma kenux iservu ħlief bħala preparazzjoni għall-klassijiet superjuri. It-tagħlim kien jibda b'mod xi ftit organizzat iżjed wara li tgħaddi l-ewwel sena. Kważi t-tfal kollha kienu jgħaddu minn klassi għall-oħra wara s-sena ta' l-iskola. Ma kenux iwaħħluhom.



*Tenent Gvernatur Sir Gaspard Le Marchant, Gvernatur ta' Malta (1858 - 1864)*

Barra minn hekk, fl-aħħar ta' kull sena kien hemm dawk li kienu jħallu għax missierhom jitfagħhom fuq ix-xogħol sa minn tfulithom. Oħrajn aktar fortunati kienu jgħaddu għal skola oħra.[5]

Żgur li kienu ftit dawk it-tfal tal-Mosta li kienu jgħaddu għall-iskola sekondarja. Minn Malta kollha, fis-sena 1877, it-tfal li kienu jmorru fl-iskola sekondarja tal-Belt kienu 111 biss.[6]

*Għal paġna 25*




*Minn paġna 24*

## *Is-servizz mediku*

Servizz ieħor ta' importanza kbira kien dak li jolqot is-saħħa. Bħala raħal li qed jikber, il-Mosta, fl-1875, kellha tabib għaliha biss, imħallas mill-Gvern. Ġieli kien hawn postijiet li ma kellhom l-ebda tabib. Kien imur xi wieħed li jaħdem fi sptar fil-qrib u li bil-lejl ma kienu jsibuh qatt. It-tabib tal-Mosta li kien iservi mill-berġa kien jissejjaħ Dispenser and Police Physician. Dan ifisser li hu kien jagħti l-mediċini wkoll.

It-tabib tal-Mosta ta' dak iż-żmien kien jismu Daniel Chetcuti. Kien ilu jservi mill-1 ta' Jannar 1853, b'nomina li ġietu direttament mill-Gvernatur Sir William Reid. Kien imħallas b'salarju ta' £36 fis-sena. Kien idaħħal eżattament daqs dak tan-Naxxar. Imma kellu anqas minn tal-Mellieħa, li kellu £50 fis-sena, għax dan kellu strapazz ħafna iżjed minħabba t-territorju mifrux tiegħu. Kien ikollu jivvjaġġa ħafna fuq xi kaless jew fuq dahar ta' xi ħmar jew żiemel.[7]

Iż-żmenijiet kienu għadhom iebsin ħafna. Il-Mosta kienet fost l-ifqar irħula ta' Malta. Madwar 75 fil-mija tal-popolazzjoni kienu jitqiesu fost il-foqra, li bilkemm kien ikollhom x'jieklu. Nofs il-popolazzjoni ta' Malta kienet tgħix fil-faqar. Imma, fil-Mosta, kien hemm ħafna iżjed min-nofs il-popolazzjoni li kienu jsibuha diffiċli biex jaqilgħu xi ħaġa għall-għixien tagħhom.[8]

---

*1 [N]ational [A]rchives [M]alta, CSG, 49, n.7298a.*
*2 Blue Book, 1875, M128.*
*3 Ib., 1877, M128.*
*4 Ib., 1875, U2.*
*5 NAM, CSG, 49, n.7298: Can. P. Pullicino to Sir Victor Houlton (Chief Secretary to Govt.).*
*6 Blue Book, 1875, U2.*
*7 Blue Book, 1875, M182.*
*8 Ib., R4.*

